**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

Appell Nru. 381 / 2022

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kurt Ryan Farrugia)**

**-vs-**

**Ledjon BRAKAJ**

Illum 17 t'Ottubru 2022

Il-Qorti,

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja skond l-Att dwar l-Estradizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti fid-9 ta' Settembru, 2022, li bih dik il-Qorti ordnat it-treggieh lura tal-estradant, allura r-rikorrent odjern, lejn il-Grecja bhala l-pajjiz skedat minn fejn inhareg il-mandat kontra tieghu. Il-Qorti Rimandanti Ordnat li l-estradat ghandu jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura tieghu lejn il-Greċja, il-pajjiz skedat fejn inhareg il-mandat. Ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, informat lill-estradat li:

a. M' huwiex ser jigi mregga' lura lejn il-Greċja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

b. Ghandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni;

c. Jekk jidhirlu li xi wiehed mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, gie miksur jew li xi dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x' aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, huwa ghandu jedd jitlob rimedju skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz.

L-estradant appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell, ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Settembru, 2022 u ressaq is-segwenti aggravji:

A. **Dwar il-garanziji mitluba minghand l- iStat Grieg u t-talba lil Qorti Rimandanti sabiex qabel tordna t-treggiegh lura tar-rikorrenti, hija tikkonsidra jekk hemmx il-possibilita illi huwa jigi sogett ghal trattament inuman u degradanti;**

Illi jigi spjegat illi fil-mori tal-proceduri, l-esponent permezz ta' verbal datat d-29 ta' Awissu, 2022, irrileva l-preokkupazzjoni serja tieghu in kwantu ghas-sitwazzjoni gravi tal-habsijiet gewwa l-Grecja, fejn irrizulta illi ma hemmx rispett totali ghad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tant li mir-ricerka estensiva li huwa ghamel f' dan ir-rigward, irrizulta illi hemm abuzz ta' poter mill-Pulizija, u kif ukoll nuqqasijiet serji anke sanitarji, u ta' *over-crowding* fic-celel. Ghalhekk huwa talab il-Qorti sabiex tikkonsidra dan il-fatt u jekk

jirrizultalha illi r-rikorrenti jista ikun suggett ghall-trattament inuman u degradanti, hija tichad it-talba ghat-treggiegh lura tieghu lejna il-Grecja. In vista ta' din it-talba, ir-rikorrenti talab lil Qorti ukoll sabiex titlob lil Awtoritajiet Griegi jibghatu garanzija illi f' kaz illi huwa jitregga lura hemm, huwa mhux se ikun soggett ghal trattament inuman u degradanti. In sostenn tat-talba tieghu u tas-sottomissjonijiet maghmulha minnu, l-esponent iccita anke diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal- Bniedem li jesigu li Qorti Rimandanti hija **obbligata** taghmel dan t-test qabel ma tordna t-treggija lura ta' persuna. Huwa ghalhekk sahaq li qabel ma l-Qorti tiddisponi mill-procedura permezz tad-decizjoni finali taghha, hija ghandha l-ewwel u qabel kollox tikkonsidra dan il-fatt.

Illi kif fuq spjegat, permezz ta' diversi osservazzjonijiet maghmula mill-Qorti waqt is-seduti, kif ukoll permezz ta' Digriet datat is-6 ta' Settembru, 2022, u permezz tad-decizjoni finali datata 9 ta' Settembru, 2022, il-Qorti cahdet dawn is-sottomisjonijiet, fuq il-prassi li hija ma kellha l-ebda obbligu li tara li d-drittijiet fundamentali jigu rispettati, u li izda dan kien jispetta lil qrati ohra wara li jkun hemm decizjoni ghal-treggiegh. Filfatt il-Qorti, qalet testwalment hekk fid-decizjoni taghha: ' *Ghalhekk kwistjoni ta' natura kostituzzjonali ma ghandhomx jigu determinati minn din il-Qorti, fejn wara kollox, ikun tassew intempestiv galadarba ghad ma hemm l-ebda ordni ghat-treggiegh.'*

Illi r-rikorrent umilment jemmen li dan huwa legalment skorrett u konsegwentement jledi anke d-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq.

Illi f' dan l-istadju ssir referenza ghal procedura ta' estradizzjoni tal-Cassazione Penale sez. IV tas-26 ta' Jannar, 2022, fejn il-Qorti, qabel ma ddecidiet il-porcedura baqghet tistenna lil-Awtoritajiet Maltin jibghatu lil dawk Taljana, l-garanziji necessarji. Il-Qorti qalet testwalment hekk f' dan ir-rigward: ' *Con l-ordinanza del*

*20, gennaio, 2021, aleggato dalla difesa, la Corte d' Appello ha ulteriormente rinviato la decisione definittiva in attesa di rassicurazione da parte dello Stato richiedente che la persona interessata non avrebbe subito trattamenti inumani e/o degradanti. Anche su tale aspetto lo Stato di Malta non ha fornito alcuna informazione e quanto statuito con la sentenza impugnata non supera l' omissione dello Stato richiedete.'*

Illi tali attitudni li hadet il-Qorti Rimandanti twassal ghal kollass totali tar-*rule of law,* fejn jithallew isiru ksur ta dritt fundamentali bis-suppost pretest li dik l-qorti mhix ta gurisdizzjoni kostitutzzjonali. Illi dan qed jinghad in vista tal-fatt illi f' kull sistema bbazata fuq r-*Rule of Law* l-funzjoni primarja tal-qrati hija li jassiguraw li MA JSIRX ksur ta' ligijiet inkluz dawk dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem, u ma jfissirx li ghax jezistu sezzjonijiet tal-qrati dedikati ghad-determinazzjoni ta' ksur ta drittijiet kostituzzjonali, allura qrati ohra ghandom ihallu ksur isehh sabiex imbaghad tkun qorti ohra li tiddikjara u taghti rimedju ghal dak l-ksur.

Illi filfatt, r-rwol principali tal-Qrati huwa li ksur ma jsehhx u mhux li thalli ksur isehh sabiex umbghad tirrimedjah Qorti ohra. Illi kieku kien hekk, dan ikun l-ikbar travestija tal-gustizzja fejn qorti thalli ksur isehh quddiemha sempliciment ghax mhux l-qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali. Kif intqal fis-sentenza Avotiņš v. Latvia deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar it-23 ta' Mejju 2016, (application no. 17502/07, para. 116.) Qorti li qed tapplika l-ligi tal-Unjoni Ewropeja xorta wahda trid tindaga fuq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem; *' In this spirit, where the courts of a State which is both a Contracting Party to the Convention and a member State of the European Union are called upon to apply a mutual-recognition mechanism established by EU law, they must give full effect to that mechanism where the protection of Convention rights cannot be considered manifestly deficient.* ***However, if a serious and substantiated complaint is raised before them to the effect that the protection of a Convention right has been manifestly deficient and that this situation cannot be remedied by European Union law,***

***they cannot refrain from examining that complaint on the sole ground that they are applying EU law.***[1]

C-216/18 PPU, LM: *'Execution of EAW can be refused based on two step test, whether there is "real risk of breach of the fundamental right to a fair trial". (1) The executing judicial authority must assess based on objective, reliable information whether there is a real risk, connected with a lack of independence of the courts in view of systemic or generalised deficiencies, of the fundamental right to a fair trial being breached. (2) If a real risk exists according to the first criteria, the executing judicial authority must make a further specific assessment of whether, in the particular circumstances of the case, the requested person will run the risk of a breach of the essence of the fundamental right to a fair trial. In making the assessment, the executing judicial authority must request of the issuing judicial authority all necessary supplementary information on the risk to the individual.'*

Case C-327/18 PPU, RO: *' Execution of EAW to UK cannot be refused solely on the grounds that UK triggered Art 50. The executing judicial authority must still examine the specific risk that the individual will be deprived of his fundamental rights. The executing judicial authority must presume that post-Brexit UK will not deprive the rights derived from the FDEAW, as UK has analogous rights in national law, and is a signatory to the ECHR and other conventions guaranteeing analogous rights. The national court can refuse to execute the EAW only if there is "concrete evidence to the contrary".*

Case-C128/18 Doronbatu: *Article 1(3), read in conjunction with Article 4 of the Charter of Fundamental Rights of the European Union, must be interpreted as meaning that when the executing judicial authority has objective, reliable, specific and properly updated information showing there to be systemic or generalised deficiencies in the conditions of detention in the prisons of the issuing Member State, it must, for the*

*purpose of assessing whether there are substantial grounds for believing that, following the surrender to the issuing Member State of the person subject to a European arrest warrant, that person will run a real risk of being subjected to inhuman or degrading treatment within the meaning of Article 4 of the Charter, take account of all the relevant physical aspects of the conditions of detention in the prison in which it is actually intended that that person will be detained, such as the personal space available to each detainee in a cell in that prison, sanitary conditions and the extent of the detainee' s freedom of movement within the prison. That assessment is not limited to the review of obvious inadequacies. For the purposes of that assessment, the executing judicial authority must request from the issuing judicial authority the information that it deems necessary and must rely, in principle, on the assurances given by the issuing judicial authority, in the absence of any specific indications that the conditions of detention infringe Article 4 of the Charter of Fundamental Rights. As regards, in particular, the personal space available to each detainee, the executing judicial authority must, in the absence, currently, of minimum standards in that respect under EU law, take account of the minimum requirements under Article 3 of the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms, signed at Rome on 4 November 1950, as interpreted by the European Court of Human Rights. Although, in calculating that available space, the area occupied by sanitary facilities should not be taken into account, the calculation should include space occupied by furniture. Detainees must, however, still have the possibility of moving around normally within the cell. The executing judicial authority cannot rule out the existence of a real risk of inhuman or degrading treatment merely because the person concerned has, in the issuing Member State, a legal remedy enabling that person to challenge the conditions of his detention or because there are, in the issuing Member State, legislative or structural measures that are intended to reinforce the monitoring of detention conditions. A finding, by the executing judicial authority, that there are substantial grounds for believing that, following the surrender of the person concerned to the issuing Member State, that person will run such a risk, because of the conditions of detention prevailing in the prison in which it is actually intended that he will be detained, cannot be weighed, for the purposes of deciding on that surrender,*

*against considerations relating to the efficacy of judicial cooperation in criminal matters and to the principles of mutual trust and recognition.*

Jigi rilevat illi ghalhekk filwaqt li l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri tibqa' wahda importanti, il-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimiet it-thassib taghha dwar il-fatt illi mekanizmi ta' rikonoxximent reciproku taht il-ligi tal-Unjoni Ewropeja ma jistghux jigu applikati b' mod mekkaniku u awtomatiku. Tant hu hekk illi meta fis-sentenza moghtija tal-kawzi maqghuda C-404/15 and C-659/15 PPU mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja li kellha bhala suggett talbiet ghal deċizjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hanseatisches Oberlandesgericht in Bremen (qorti regjonali superjuri ta' Bremen, il-Germanja), fil-proċeduri dwar l-ezekuzzjoni tal-mandati ta' arrest Ewropej il-Qorti sahqet hekk: ' *It follows from all the foregoing that the answer to the questions referred is that Article 1(3), Article 5 and Article 6(1) of the Framework Decision must be interpreted as meaning that where there is objective, reliable, specific and properly updated evidence with respect to detention conditions in the issuing Member State that demonstrates that there are deficiencies, which may be systemic or generalised, or which may affect certain groups of people, or which may affect certain places of detention, the executing judicial authority must determine, specifically and precisely, whether there are substantial grounds to believe that the individual concerned by a European arrest warrant, issued f or the purposes of conducting a criminal prosecution or executing a custodial sentence, will be exposed, because of the conditions for his detention in the issuing Member State, to a real risk of inhuman or degrading treatment, within the meaning of Article 4 of the Charter, in the event of his surrender to that Member State. To that end, the executing judicial authority must request that supplementary information be provided by the issuing judicial authority, which, after seeking, if necessary, the assistance of the central authority or one of the central authorities of the issuing Member State, under Article 7 of the Framework Decision, must send that information within the time limit specified in the request. The executing judicial authority must postpone its decision on the surrender of the individual concerned until*

*it obtains the supplementary information that allows it to discount the existence of such a risk. If the existence of that risk cannot be discounted within a reasonable time, the executing judicial authority must decide whether the surrender procedure should be brought to an end.* Jigi rilevat illi ghalhekk il-principju ta' fiducja reciproka ossia mutual trust jaf ikun abbundament f' kazijiet eccezzjonali. Kif jghid il-gurista Koen Lenaerts: ' *In this judgment, the CJEU ruled that the mutual trust principle may be – in principle – reviewable both when executing the Warrant for prosecution or custodial sentence purposes and, as a result, an execution of an EAW may be postponed/abandoned in an exceptional case* ***– thus recognising that the «mutual trust (in the EU) must not be confused with blind trust***».'[2]

Tant dan r-ragunament ikun travestija illi per ezempju l-procedura kollha penali quddiem l-qorti tal-magistrati hija manifestazzjoni kemm tad-dritt ghal smigh xieraq u ta' osservazzjoni rigoruza tal-procedura, liema l-Qorti tal-Magistrati tinfurzahom kontinwament minkejja li m' ghandiex gurisdizzjoni ta' natura kostituzzjonali. R-RULE OF LAW TEZIGI LI d-DRITTIJIET MA JINKISRUX *IN THE FIRST PLACE* U LI REGOLI PROCEDURALI JIGU OSSERVATI, U FILFATT JSIR KULL SFORZ BIEX MA JINKISRUX, AKTAR MILLI SEMPLICIMENT THALLI KSUR ISEHH U MBAGHAD JIGI RIMEDJAT MINN QORTI OHRA! Din tkun l-aghar forma ta travestija.

Illi wiehed isaqsi, bhala ezempju, liema qorti tara li qed jinkisru d-drittijiet kostituzzjonali tal-akkuzat, ghax ezempju ma jkunx assistit minn avukat u thalli dak l-ksur isehh quddiemha mbaghad jekk jidhirlu l-akkuzat imur fil-kostituzzjonal? Kjarament mhux biss dan r-ragunament ma jaghmilx sens izda ma jigrix fil-prattika ghaliex KULL QORTI li tara li jista jinkiser dritt

[2] Koen Lenaerts, "The Principle of Mutual Recognition in the EU' s Area of Freedom, Security and Justice: The fourth annual lecture in honour of Sir Jeremy Lever, 30 January 2015, " accessed September 20, 2021, https://www.law.ox.ac.uk/news/2015–02–18-principle-mutual-recognition-eus-area-freedom-security-and-justice-judge-lenaerts, 29.

fundamentali taghmel dak kollu possibbli biex dak l-ksur ma jsehhx. Dan qed jinghad in vista tal-fatt illi r-rimedju kostituzzjonali huma biss rimedju eccezzjonali u ma jfissirx li ghax jista jezisti rimedju kostituzzjonali qorti ghandha thalli ksur isehh. Hija l-funzjoni ta' kull qorti ta gustizzja kriminali li tara li ma jsehhx ksur ta drittijiet fundamentali u tar-regoli procedurali quddiemha;

Illi l-Avviz Legali 276.05 filwaqt li ligi specjali ma joperax *f' vacuum* u ma jista qatt jissospendi l-applikabilita tal-principji procedurali kollha salvagwardji tal-procedura penali. Il-funzjoni u l-priorita ta kull qorti hi li tassigura li ksur ta drittijiet fundamentali u dawk procedurali MA JSEHHX, u jkun biss fil-kaz estrem li xorta jsehh ksur, li wiehed ikun KOSTRETT jirrikorri ghal qorti kostituzzjonali;

Jinghad illi r-rimedju kostituzzjonali eventwali mhux pretest biex l-qorti tal-magistrati taghlaq ghajneja ghal ksur ta drittijiet li jsehh quddiema. Kieku kien hekk jwassal ghal kollass tas sistema ta gistizzja penali. Liema qorti tibqa ghaddeja bhal romblu jekk akkuzat ma jkunx debitament assistit bi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali, sempliciment ghax jekk irid jista jfittex rimedju mil-qorti kostituzzjonali? Huwa dan l-ispirtu ta' sistemi legali li jirrispettaw s-saltna tad-dritt? Illi ghalhekk wiehed jistaqsi liema qorti se tibghat jew tissentenzja persuna biex tinzamm f' facilita jew istituzjoni fejn taf li jista jigi torturat sempliciment ghax jekk irid jista jmur quddiem il-qorti kostituzzjonali?

L-obbligu tal-Qort Rimandanti li tistharreg sew il-kwistjoni ta' drittijiet fundamentali, u li tassikura li l-estradant mhux se jigi sogett ghal trattament inuman u degrdanti qabel ma tordna t-treggiegh lura tieghu, JOHROG CAR MILL-GURISPRUDENZA SUCITATA. Dawn id-decizjonijiet, huma kollha totalment kuntrarji ghad-decizjoni tal-Qorti Rimandanti.

Bl-ikbar dovut rispett, vjolazzjoni tant lampanti u evidenti ma ghandiex issib refugju f' process gudizzjarju li jhaddan is-saltna tad-dritt u l-protezzjonijiet sanciti fil-Kostituzzjoni ta' Malta. *Di piu,* ghandu jigi rilevat li l-ebda parti ma kienet ser issofri pregudizzju bl-akkoljiment tat-talbiet tal-estradant, u dan fid-dawl tal-fatt li t-termini stabbiliti fl-Artikolu 27A kienu ghadhom jiddekorru, ghalhemm ma kien hemm l-ebda ghaggla sabiex il-Qorti tghaddi sabiex tiddisponi mill-procedura, minghajr ma tistenna aktar, sakemm forsi l-garanzija rikesjti jigi pprezentati.

Illi ghalhekk fl-umli fehma tal-appellanti d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li la tiskarta l-kwistjoni ta' drittijiet umani, u tichad it-talba ghal Garanziji, hija wahda *unsafe* u *unsatisfactory,* filwaqt illi tledi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

**B. Dwar l-Identita tal-Estradant**

Illi aggravju iehor tal-estradant jorbot mal-kwistjoni tal-identita tieghu, fejn fl-umli fehma tal-appellanti l-Qorti Rimandanti:

(i) ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi procedurali fejn jidhlu t-tehid u l-komparazzjoni tal-impronti digitali tieghu u ghalhekk l-estradant talab l-isfilz tad-dokumenti KOLLHA marbuta mal-impronti digitali fl-atti proċesswali odjerni;

(ii) wkoll ghamlet applikazzjoni zbalajta tal-Ligi, senjatament tal-Artikolu 10 tal-L.S. 257.05 tal-Ligijiet ta' Malta.

A rigward tal-ewwel punt fuq l-eccezzjoni tal-impronti digitali, li hija intrinsikament marbuta mal-kwistjoni tal-identita, jigi spjegat illi l-appellant, permezz tas-sottomisjonijiet verbali tieghu waqt is-seduti quddiem il-Qorti, u kif

ukoll permezz ta' rikors intavalot minnu fil-5 ta' Settembru, 2022, talab li r-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia, tigi sfilzata, u dan flimkien ma kwalunkwe referenza ghaliha; izda pero, permezz tad-Digriet datat s-6 ta' Settembru, 2022 l-Qorti Rimandanti cahdet din l-eccezzjoni u tenniet illi minkejja l-fatt illi l-punti sollevati mid-difiza jithoqqilhom '*approfondiment*', tenniet illi '*dan kellu jsir fil-forum appozitu w certament mhux quddiem Qorti Rimandanti li, wara li tiddeciedi dwar l-identita tal-persuna migjuba quddiema fuq bazi ta' probabbilita, ghandha l-fuznjoni limitata ghad-decizjonijiet li trid tiehu kif kontemplat bir-reoalmenti 12 u 13 tal-Ordni'.*

**Illi r-rikorrenti ma jaqbel xejn ma din id-decizjoni u umilment jissotometti illi l-Qorti Rimandanti kienet zbaljata, ghax filfatt, a kuntrarju ta' dak deciz minnha, hija kellha <u>l-obbligu li tidhol f' din il-kwistjoni, u tara illi r-rekwiziti procedurali fit-tehid tal-impronti digitali u tal-komparazzjoni tal-istess, gew rigorozament osservati, u fl-eventwalita illi kien hemm nuqqas, hekk kif qed tissotometti d-difiza, tordna</u> l-isfilz taghhom; <u>iktar u iktar meta dan il-fatt jorbot intrinsikament mal-prova tal-identita illi l-persuna mitluba hija filfatt l-apellanti – prova illi hija fundamentali u ma tistax tigi skartata fejn tidhol il-procedura ta' estradizzjoni.</u>**

Qabel xejn jigi spjegat illi b' Digriet tal-Qorti Rimandanti, datat it-23 t' Awwissu 2022, inhatar Joe Mallia bhala espert tal-impronti digitali, illi gie awtorizzat sabiex jirtira kopja tal-istess impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-estradant u cioe d-dokumenti FPX (mmarkat bhala kopja tal-formola tal-impronti digitali (Griega) ta' Brakaj Bledar u kopja tal-formola tal-marki tal-pali tal-idejn (Griega) ta' Brakaj Bledar) u FPX1 (mmarkat bhala kopja tal-formola tal-impronti digitali (Griega) ta' Hoxha Ashar u kopja tal-formola tal-marki tal-pali tal-idejn (Griega) ta' Hoxha Ashar) u kif ukoll id-dokumenti BL1 (mmarkat bhala kopja tal-formola tal-impronti digitali ta' Brakaj Ledjon) u BL2 (mmarkat bhala kopja tal-formola tal-marki tal-pali tal-idejn ta' Brakaj Ledjon). Illi l-istess espert gie moghti l-inkarigu jaghmel ezami komparattiv bejn id-dokumenti kollha u

jirraporta bil-miktub lill-istess Qorti u illi fis-seduta tad-29 ta' Awwissu 2022, l-espert irrelata bil-miktub, espleta l-inkarigu lilu moghti u b' hekk pprezenta r-rapport tieghu.

Illi preliminarjament jigi rilevat illi ma jezisti xejn fl-atti illi jitfa' dawl fuq kif ittiehdu dak li jirrizulta mid-dokumenti mmarkati bhala FPX u FPX 1 u cioe l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn Griegi, meta ittiehdu, kif gew ppreservati, min hadhom, x' tip ta' salvagwardji ittiehdu, xi procedura giet ad operata, xi procedura specifika intuzzat u jekk hux b' metodu xjentifiku rikonnoxut, minn fejn gew elevati u x' kontaminazzjoni seta' kien hemm fost l-ohrajn u jekk skont kif jiddettaw ir-regoli tal-procedura fejn tidhol evidenza li ghandha tingieb quddiem il-Qorti;

Illi in oltre, jinghad illi lanqas jirizulta mill-atti proċesswali kemm ilhom li gew elevati dawn il-*fingerpints* u ghalhekk wiehed ma jsitax jeskludi vjolazzjoni tad-dritt ta' privatezza tal-estadant skont gurisprudenza ricenti tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani (vide Gaughran vs. The United Kingdom deciza nhar it-13 ta' Gunju 2020) fejn gie stabbilit l-insenjament illi z-zamma indefinita ta' *fingerprints* f' sistemi gudizzjarji tmur kontra d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja stabbilit fl-Artikolu 8 tal-Konvenzzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem: ' *63. The Court has also previously found that the retention of fingerprints amounts to an interference with the right to respect for private life, within the meaning of Article 8 § 1 of the Convention (see S. and Marper, cited above, §§ 77 and 86). The retention of the applicant' s DNA Profile and fingerprints therefore amounted to an interference with his private life.*

*96.* ***For the reasons set out above, the Court finds that the indiscriminate nature of the powers of retention of the DNA profile, fingerprints and photograph of the applicant as person convicted of an offence, even if spent, without reference to***

***the seriousness of the offence or the need for indefinite retention and in the absence of any real possibility of review, failed to strike a fair balance between the competing public and private interests.*** *The Court recalls its finding that the State retained a slightly wider margin of appreciation in respect of the retention of fingerprints and photographs (see paragraphs 84 above). However, that widened margin is not sufficient for it to conclude that the retention of such data could be proportionate in the circumstances, which include the lack of any relevant safeguards including the absence of any real review.'*

Illi in oltre, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi d-dokumenti mmarkati bhala Dok FPX, FPX1, F7, F8, F10, F11, F13, F14, F16, F17, F19, F20, F22, F23, F25, F26, F28, F29, F31, F32, F34, F35, huma bil-lingwa Griega u ma hemm l-ebda traduzzjoni taghhom fl-atti ghall-Malti jew ghall-Ingliz b' mod li la l-patijiet f' dawn il-proceudri u lanqas il-Qorti ma tista' tifhem il-kontenut;

Konsegwentement, ghar-ragunijiet hawn fuq suesposti l-estradant qed jitlob l-isfilz tad-dokument FPX, FPX1, F7, F8, F10, F11, F13, F14, F16, F17, F19, F20, F22, F23, F25, F26, F28, F29, F31, F32, F34, F35 g, u dan peress illi la jkun s*afe u anqas satisfactory* illi din l-Onorabbli Qorti tistieh fuqhom, kif erronjament iddeciediet illi taghmel il-Qorti Rimandanti;

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, l-appellant jirrileva ulterjorment illi f' pagna 24 tar-rapport tieghu, l-espert jaghmel referenza ghal dokument FBX **liema dokument ma jezistix fl-atti**. Fl-istess pagna 24, minkejja illi l-espert iqis illi *"jirrizulta illi l-marka tal-pala tal-id ix-xellugija … hija nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall komparazzjoni defenittiva peress li ghanda bosta mill-partijiet neqsin, ohrajn imzelgin, b' eccess ta' linka u l-fotokopja li hija stampata fuqha hija ta' kwalita fqira"* fl-istess rapport jikkonkludi, f' pagni 26 u 27 illi l-impronti digitali u dawk tal-pali tal-idejn huma pozittivament identici!;

Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, kif jekk marka hija nieqsa mill-punti karatteristici minhabba diversi fatturi, xorta wahda jista' jinghad per konkluzzjoni illi l-impronti digitali u tal-pali tal-idejn huma identici minghajr ebda rizerva jew eccezzjoni?

In oltre, f' pagna 3 u 4 tar-rapport, l-espert ikkonkluda illi l-impronti "*Gew klasifikati permezz tal-Henry System.*" Illi jigi rrilevat illi l-Henry System hija sistema ta' klassifikazzjoni fejn il-marki tas-swaba' jigu ikklassifikati skont il-karatteristiċi taghhom b' sistema numerizzata sabiex jigu ikkumparati marki ta' swaba' differenti. Pero` din it-tip ta' sistema hija wahda **antika u rari tintuza' illum il-gurnata:** ' *The Henry fingerprint classification system* ***is seldom used today,*** *but it may have been used to classify fingerprints in cases of unidentified persons in years past. Because it might still be encountered, familiarity with it is prudent.*[3]'

Mhux talli s-sistema adoperata hija arkajika, talli wkoll ir-rapport tal-espert ma jindika bl-ebda mod kif sar l-ezami komparattiv u l-*modus operandi* u t-teknika uzata minnu sabiex l-espert wasal ghall-konkluzzjonjiet illi wasal ghalihom;

Illi in fatti skont l-espert tal-forensika Amerikan John R. Vanderkolk, fil-ktieb Fingerprint Sourcebook jigi spjegat illi l-metodu ta' **analizi, komparizzazzjoni, evalwazzjoni u verifikazzjoni maghruf ahjar bhala (ACE-V) huwa l-metodu stabbilit kif ezaminazzjoni ta' fingerprints issir**. Huwa jghid: ' *The examination method of analysis, comparison, evaluation, followed by verification (ACE-V) is the established method for perceiving detail in two prints and making decisions. A thorough understanding of the sufficiency threshold within the method is essential.* ***Merely arriving at a predetermined, fixed mathematical quantity of some details of a***

[3] https://identifyus.org/help/FPinformation.pdf

***friction ridge impression (i.e., point counting) is a simplistic and limited explanation for why two prints originated from the same unique and persistent source or originated from different unique and persistent sources.'***

Illi jekk il-metodu operattiv kien limitat ghal **analizi vizwali**, ma jistax jinghad illi dan huwa wiehed essenzzjalment korrett stante li m' huwiex bizzejjed illi espert fil-metodu ta' analizi mhuwiex bizzejjed li espert jghmel analizi biss fuq ghajnejh stante il-*human error* li tista' tqarraq u ma taghtix rizultat preciz;

a. Illi in fatti kulma jindika l-espert fir-rapport tieghu f' pagna 27 huwa illi "*qieghed jipprezenta faxxikolu fotografiku flimkien ma' rapport tekniku ta' kif wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu*" u meta jigi biex jiddentifika l-impronti jghid illi huma tal-ghamla whorl", "ulnar loop", "twinned loop."

b. Kif jispjega l-espert tal-forensika sucitat, "whorl" u "loop" huma biss tabelli generici u hemm bzonn isir ezami iktar akkurat qabel ma wiehed jasal ghall-konkluzzjoni ta' jekk dawn l-impronti jaqblux jew le: ' ***Whorls, loops and arches, ending ridges, bifurcations, and dots are some of the generic labels used to generally describe the morphological structures of friction ridges and the details in prints. Examiners need to be attentive to the actual uniqueness of the features of the ridge and not allow the use of generalized descriptive labels to diminish the examiner' s understanding of the actual value of the feature****. If an examiner is looking for just ridge endings or bifurcations, the examiner might only see a ridge that ends or bifurcates. Conversely, if an examiner looks for the overall inherent morphology of the ridge, the shapes and dimensions of the ridge, where it starts, the path it takes, where it ends, the widths, the edges, the pore positions, and the morphology of the neighboring ridges, the examiner will become more perceptive of the details within the prints. Pattern formations in nature can never be completely described*

*through the use of commonly labeled unique features [Grieve, 1990, p 110; Grieve, 1999; Vanderkolk, 1993].'*

**Illi ghalhekk ma jistax jinghad illi r-rizultati miksuba saru b' mod li l-Qorti tista' tistrieh fuqhom, liema jiftghu ghalhekk dubju serju fuq kif l-espert wasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu.** Illi ghalhekk konsegwentement, l-estradant jitlob illi din il-Qorti tisfilza l-istess rapport mill-atti proċesswali, fin-nuqqas ta' liema rapport, certament li jezisti **dubju serju fuq il-prova tal - identita tal-persuna mitluba**;

Illi fir-rigward tat-tieni punt sollevat fuq l-eccezzjoni tal-identita, a skans ta' kull ekwivoku, l-estradant ma huwiex qieghed jikkontesta ismu u kunjomu u d-data ta' twelid tieghu, izda qed jigi kkonstestat bil-qawwa **n-nexus** bejn l-estradant u l-partikolaritajiet tal-fatti li fuqhom l-MAE qed takkuza l-persuna koncernata. Illi ghandu jigi rilevat li l-prova tal-identita ma huwiex semplici ezercizzju ta' *tick the box* fejn id-data ta' twelid u l-isem tal-estradant jigu mqabbla mal-partikolaritajiet tal-persuna mitluba fil-MAE. Izda, tenut kont il-gravita tal-konsegwenzi ta' MAE (persuna ser tinbghat taffacja inkarcerazzjoni f' pajjiz barrani) l-Ligi titlob ezercizzju iktar profond. Ghaldaqstant, il-Ligi titlob li, fuq bilanc ta' probabilitajiet, jintwera' li l-persuna rikjesta hija l-persuna li ghaliha ssir referenza **' [fil-]** ***partikolaritajiet tal-fatti li fuqhom u tal-ligi li tahtha dik il-persuna tkun akkuzata jew tkun instabet hatja'*** [4] (Artikolu 13(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, res applikabbli ghall-Artikolu 10(2) tal-L.S. 276.05 permezz tal-Artikolu 10(1)(a) tal- L.S. 276.05 liema Artikolu jirrendi applikabbli l-Artikolu 5(5)(a) tal- L.S. 257.05 u l-Artikolu ikkwotat, 13(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta);

[4] Enfasi tal-esponent

Illi ghall-ahjar intendiment tal-argoment, l-Artikoli rilevanti qed jigu citati bil-mod kif, fil-fehma tal-appellant ghandhom jigu applikati. Is-sottolinear tal-appellant jservi biex jindika l-*cross references* tal-legislatur:

L.S. 276.05

*10. (2) Il-qorti ghandha tiddeċiedi jekk il-persuna li tingieb quddiemha tkunx il-persuna li dwarha –*

*(a) ikun inhareg il-mandat imsemmi fis-subartikolu (1) (a), jew*

*(b) ikun inhareg il-mandat imsemmi fl-artikolu 9(3).*

…

*10. (1) Dan l-artikolu japplika jekk –*

*(a) persuna arrestata bis-sahha ta' mandat imsemmi fl-artikolu 5, tingieb quddiem il-qorti taht l-artikolu 8(4), jew*

*(b) persuna tigi arrestata taht l-artikolu 9 u dan isir konformement mal-artikolu 9(3).*

…

*5. (1) Id-dispozizzjonijiet ta' din it-Taqsima japplikaw ghalkull mandat ta' arrest bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu (2).*

*(2) Ir-riferenza ghal mandat ta' arrest fis-subartikolu (1) hijariferenza ghal mandat ta' arrest rilevanti ghall-prosekuzzjoni jewmandat ta' arrest rilevanti wara sejbien ta' htija.*

*(3) Mandat ta' arrest rilevanti ghall-prosekuzzjoni hu mandatmahrug minn awtorità gudizzjarja ta' pajjiz skedat u li jkun fih –*

*(a) id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (4), u*

*(b) l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (5).*

*(4) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3)(a) hi wahdali l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat hija mfittxija fil-pajjizskedat ghall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali ghall-ghemil ta' reat imsemmi fil-mandat.*

*(5) L-informazzjoni hi –*

*(a) daqstant kemm japplika, il-partikolaritajiet imsemmijafl-artikolu 13(2)(b)(i) u (ii) tal-Att rilevanti:*

*Izda dan il-paragrafu ghandu jitqies li gie mharesminkejja l-fatt li setghet ma tkunx giet moghtija kopjatal-ligijiet relattivi jew ta' dikjarazzjoni tal-ligirilevanti;*

*(b) il-partikolaritajiet ta' kull mandat iehor mahrug fil-pajjiz rikjedenti ghall-arrest tal-persuna dwar ir-reat;*

*(ċ) il-partikolaritajiet tas-sentenza li tista' tinghata taht il-ligi tal-pajjiz rikjedenti dwar ir-reat jekk il-persunatinsab hatja li tkun ghamlet dak ir-reat.*

Kapitolu 276, Artikolu 13(2)(b)(i) u (ii)

*13. (2) Ghandu jinghata ma' kull talba maghmula ghall-finijiet ta' dan l-artikolu f' isem xi pajjiz –*

*(b) fil-kaz ta' persuna hielsa kontra l-ligi wara li nstabethatja ta' reat, ċertifikat tad-dikjarazzjoni ta' htija u tal-kundanna f' dak il-pajjiz, u dikjarazzjoni ta' kemm, jekk ikun il-kaz, gie skontat minn dik il-kundanna, flimkien, f' kull kaz, ma' –*

***(i) <u>il-partikolaritajiet tal-persuna li t-treggigh lura taghha jkun mitlub, maghdud taghrif bizzejjed biex jigu stabbiliti l-identità u n-nazzjonalità taghha</u>;***

***<u>(ii) il-partikolaritajiet tal-fatti li fuqhom u tal-ligi li tahtha dik il-persuna tkun akkuzata</u> jew tkun instabet hatja, id-deskrizzjoni legali tar-reat u kopja tal-legislazzjonijiet relattivi jew (jekk dan ma jkunx prattikabbli) dikjarazzjoni dwar il-ligirilevanti; u***
(enfasi mizjuda tal-esponent)

Illi huwa ghalhekk huwa car f' mohh l-appellant, li l-ezercizzju necessarju ghal proceduri ta' MAE kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tal-L.S. 276.05, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kweziti *sine qua non*: **<u>li l-bniedem arrestat mill-Awtoritajiet Lokali huwa l-persuna li ghalihom</u>**

**<u>jirreferu l-partikolaritajiet tal-persuna u l-partikolaritajiet tal-fatti misjuba fl-MAE</u>**.

Illi f' dan ir-rigward, is-sentenza appellata hija siekta ghal kollox dwar kif il-partikolaritajiet tal-fatti misjuba fl-MAE jirrigwardaw lill-appellant. Kif ser jigi amplifikat fit-trattazzjoni orali ta' dan l-appell, minn qari tal-MAE huwa manifestament evidenti li l-Istat Grieg nqas minn li jaghmel, imqarr accenn, dwar kif il-persuna ta' Ledjon Brakaj u li allegatament wettqet l-imgieba li tikkostitwixxi reat, huwa l-istess Ledjon Brakaj li ghandha quddiem din il-Qorti!

Ir-rikorrent, ghaldaqstant talab lil din l-Onorabbli Qorti permezz tar-rikors t' appell tieghu joghgobha THASSAR, TANNULLA U TIRREVOKA d-decizjoni appellate fejn ordnat it-treggiegh lura tieghu lejn il-Grecja, il-pajjizi rikjedenti, u minflok TORDNA l-liberazzjoni tiegh, u dan that kwalunkwe kundizzjoni li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuna.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat,**

Primarjament, din il-Qorti tixtieq tibda billi tenfasizza illi hi mhux ser tkun qeghda tiddeciedi jekk l-appellant hux hati *o meno* tar-reati li ghalihom qed jigi mitlub li jigi rritornat il-Grecja. Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni u ghalhekk id-decizjoni taghha trid tkun ta' revizjoni ghad-decizjoni tal-Qorti Rimandanti. Kif gie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti, id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati ma tigix mibdula meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell

Kriminali, kollegjalment komposta, fil-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit**[5] gie deciz li din il-Qorti taghmel l-analizi dettaljata taghha stess tal-atti processwali quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza sabiex tara jekk dik il-Qorti kienitx ragonevoli fil-konkluzjonijiet taghha. Ghalhekk din il-Qorti tintervjeni biss meta tara li l-Qorti tal-Maġistrati, tkun ghamlet evalwazzjoni zbaljata tal-fatti jew interpretat xi ligi b'mod hazin u ghalhekk id-decizjoni finali tkun *unsafe and unsatisfactory*.

Proceduri bhal din li ghandha quddiemha din il-Qorti, huma proceduri partikolari hafna ghaliex jirrigwardjaw il-Mandat t'Arrest Ewropew. Il-Mandat t'Arrest Ewropew ha post l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u dan ghaliex il-hsieb warajh kien li jinholoq mekkanizmu mhux ibbazat fuq process politiku izda fuq process gudizzjarju msejjes fuq il-fiducja reciproka bejn l-Istati Membri u r-rikonoxximent reciproku ta' decizjonijiet gudizjarji. Dan il-mandat huwa l-ewwel mizura konkreta fil-qasam tal-ligi kriminali li timplimenta l-principju ta' rikonoxximent reciproku li l-Kunsill Ewropew irrifera ghalih bhala '*cornerstone' of judicial cooperation*.'[6] Il-Principju wara l-Mandat t'Arrest Ewropew huwa li persuni li jezercitaw id-drittijiet taghhom ghall-moviment hieles bejn l-Istati Membri, huma mistennija li jirrispettaw il-ligijiet tat-territorju li jinsabu fih.
Id-Decizjonijiet Qafas jorbtu lill-Istati Membri fir-rigward tar-rizultat li jrid jinkiseb izda jhallu f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali l-ghazla u l-forma ta' implimentazzjoni. Infatti d-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002

---

[5] 21 ta 'April 2005. Ara wkoll, inter alia, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta 'Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta 'April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, l-1 ta' Diċembru 1994; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta 'Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta 'April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta 'Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 t' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta 'Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, il-15 ta 'Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31st May 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31st May 1991.
[6] *Official Journal L 190 , 18/07/2002 P. 0001 - 0020*

fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/JHA) ma gietx implimentata minn kull Stat Membru bl-istess mod. Din tal-ahhar tghid hekk dwar il-Mandat t'Arrest Ewropew:

> *1(1). Il-mandat ta' arrest Ewropew hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.*

Huwa minnu, kif isemma fit-trattazjoni tad-difiza, li certi Stati Membri jmorru kontra l-ispirtu ta' din id-Decizjoni Kwadru u sahansitra ma jikkoperawx billi ma jibghatux akkuzat lil pajjiz li jkun ghamel mandat kontrih. Madankollu, dan ma jfissirx li dawn ikunu qed jaghmlu tajjeb, tant hu hekk li kien hemm drabi li l-Kummissjoni Ewropea fethet proceduri ta'infrazzjoni kontra Stati Membri li ma kienux qed iwettqu l-Ligi tal-Mandat t' Arrest Ewropew kif suppost. Huwa dmir ta' Qorti ta' Stat Membru li tezegwixxi l-Mandat tal-Arrest Ewropew mahrug mill-Awtoritajiet Gudizzjarji ta' Stat iehor tal-Unjoni Ewropea u mhux bil-kontra.

Din il-Qorti thoss illi ghandha tispjega *in breve* l-procedura applikata f'dawn il-proceduri, b'dettalji limitati li jirrigwardjaw il-kaz odjern. Meta l-akkuzat jigi mressaq quddiem il-Qorti tal-Istat rikjest li jesegwixxi l-Mandat Ewropew, il-Qorti trid fuq bilanc tal-probbabiltajiet tiddeciedi jekk l-estradant ikunx il-persuna li dwarha jkun inhareg il-mandat hekk kif stipulat fl-Artikolu 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05. Jekk dan jigi kkonfermat tigi ffissata data ghal seduta ghas-smiegh dwar l-estradizzjoni u dan mhux aktar tard minn ghoxrin gurnata mid-data tas-smiegh tal-bidu. Il-Qorti Rimandanti trid tiddeciedi jekk l-akkuzat, li fil-konfront tieghu jkun hemm il-mandat, ghandux jigi rritornat lura lill-Istat Membru li talab ir-ritorn tieghu. Izda qabel tiddeciedi dan, Il-Qorti

ghandha tiddeciedi dwar jekk ir-reat imsemmi fil-mandat ikunx reat ta' estradizzjoni. Jekk jirrizulta li dan ikun reat ta' estradizzjoni, isegwi li ghandha tiddeciedli jekk it-treggigh lura tal-persuna fil-pajjiz skedat huwiex ipprojbit minhabba ir-regola ta' *ne bis in idem*, l-età tal-persuna jew amnestija.[7] Il-Qorti tista' wkoll tirrifjuta li tezegwixxi t-treggigh lura tal-persuna lejn il-pajjiz skedat jekk it-treggigh lura ikun ipprojbit minħabba: (a) preskrizzjoni jew l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien; (b) specjalità; (ċ) l-estradizzjoni precedenti tal-persuna lejn Malta minn pajjiz skedat iehor; u (d) l-estradizzjoni precedenti tal-persuna lejn Malta minn pajjiz li mhuwiex pajjiz skedat.[8] Skond l-Artikolu 13(5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 jekk il-Qorti tiddeċiedi li t-treġġigh lura ta' dik il-persuna m'huwiex impedut ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija u l-persuna tigi akkuzata bl-għemil tar-reat ta' estradizzjoni izda ma jigix allegat li tkun instabet hatja diga ghal xi reat u tkun qed tiggerra barra, il-persuna akkuzata tinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggigh lura taghha lejn il-pajjiz skedat fejn ikun inhareg il-mandat. Sussegwentament, l-estradant jkollu erbat ijiem tax-xoghol mid-decizjoni tal-Qorti Rimandanti sabiex iressaq l-appell tieghu.

**<u>L-ewwel aggravju tal-appellant estradant</u>** huwa dwar il-garanziji li ghandhom jigu mitluba lill-Istat Grieg u t-talba lil Qorti Rimandanti sabiex qabel tordna t-treggiegh lura tal-estradant, hija tikkonsidra jekk hemmx il-possibbilta' illi huwa jigi soggett ghal trattament inuman u degredanti. Primarjament, din il-Qorti taghmel referenza ghal fatt illi r-ragunijiet ghar-rifjut bbazati fuq diskriminazzjoni, persekuzzjoni u l-piena tal-mewt thallew barra mit-test principali tad-Decizjoni Kwadru izda nzammu bhala kunsiderazzjonijiet sottostanti fil-Preambolu. Ir-raguni ghal dan mhux cara, madankollu dan hu bizejjed sabiex l-Istati Membri jiehdu hsieb jigarantixxu d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat b' mod effettiv. Jista' jkun il-kaz illi dawn ma gewx inkluzi fit-test

[7] Artikolu 13(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05.
[8] Artikolu 13(1A) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05.

principali sabiex jippreklud u l-kaz ta' talbiet dwar id-drittijiet tal-bniedem milli jintuzaw sabiex jiprolungaw il-proceduri.

Huwa minnu li certu kundizzjonijiet gewwa cellel fil-habs jistghu jigu kkunsidrati li qed jiksru Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif gie deciz f' ***Peers v. Greece***.[9] Referenza ssir ukoll ghas-sentenza tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ***Muršić v. Croatia***[10] fejn gie ritenut illi it-trattament hazin ghandu jilhaq livell minimu ta' severita' jekk ghandu jaqa' fl-ambitu t' Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Meta jigu evalwati l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jridu jigu meqjusa l-effetti kumulattivi ta' dawn il-kundizzjonijiet, kif ukoll l-allegazzjonijiet specifici maghmula mill-applikant. Il-perjodu li l-persuna ddum detenuta ghandu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni. Oltre minn hekk specifikament fuq l-principju tal-*overcrowding* fic-cellel intqal hekk:

> *102. The Court notes that the relevant principles and standards for the assessment of prison overcrowding flowing from its case-law in particular concern the following issues: (1) the question of minimum personal space in detention under Article 3 of the Convention; (2) whether the allocation of personal space below the*

---

[9] QEDB, App nru. 28524/95 deciza nhar id-19 t'April, 2001 fejn kien intqal is-segwenti: '75. *Indeed, in the present case, the fact remains that the competent authorities took no steps to improve the objectively unacceptable conditions of the applicant's detention. In the Court's view, this omission denotes lack of respect for the applicant. The Court takes into account, in particular, that, for at least two months, the applicant had to spend a considerable part of each 24-hour period practically confined to his bed in a cell with no ventilation and no window, which would at times become unbearably hot. He also had to use the toilet in the presence of another inmate and be present while the toilet was being used by his cell-mate. The Court is not convinced by the Government's allegation that these conditions did not affect the applicant in a manner incompatible with Article 3. On the contrary, the Court is of the opinion that the prison conditions complained of diminished the applicant's human dignity and aroused in him feelings of anguish and inferiority capable of humiliating and debasing him and possibly breaking his physical or moral resistance. In sum, the Court considers that the conditions of the applicant's detention in the segregation unit of the Delta wing of Koridallos Prison amounted to degrading treatment within the meaning of Article 3 of the Convention.There has thus been a breach of this provision.'*

[10] QEDB, App nru. 7334/13 deciza nhar l-20 t'Ottubru, 2016.

*minimum requirement creates a presumption or leads in itself to a violation of Article 3 of the Convention; and (3) what factors, if any, could compensate for the scarce allocation of personal space.*

*(i) The question of minimum personal space under Article 3*

*(a) The relevant case-law*

*103. The Court has stressed on many occasions that under Article 3 it cannot determine, once and for all, a specific number of square metres that should be allocated to a detainee in order to comply with the Convention. Indeed, the Court has considered that a number of other relevant factors, such as the duration of detention, the possibilities for outdoor exercise and the physical and mental condition of the detainee, play an important part in deciding whether the detention conditions satisfied the guarantees of Article 3 (see* ***Samaras and Others****, cited above, § 57;* ***Tzamalis and Others****, cited above, § 38; and* ***Varga and Others****, cited above § 76; see further, for instance,* ***Trepashkin v. Russia****, no. 36898/03, § 92, 19 July 2007;* ***Semikhvostov v. Russia****, no. 2689/12, § 79, 6 February 2014;* ***Logothetis and Others v. Greece****, no. 740/13, § 40, 25 September 2014; and* ***Suldin v. Russia****, no. 20077/04, § 43, 16 October 2014).*

*104. Nevertheless, extreme lack of space in prison cells weighs heavily as an aspect to be taken into account for the purpose of establishing whether the impugned detention conditions were "degrading" within the meaning of Article 3.*

*105. In a substantial number of cases when the allocation of space to a detainee in multi-occupancy accommodation fell below*

*3 sq. m, the Court found the overcrowding so severe as to justify the finding of a violation of Article 3 (see the cases cited in* ***Orchowski****, cited above, § 122;* ***Ananyev and Others****, cited above, § 145; and* ***Varga and Others****, cited above, § 75).*

*106. When inmates appeared to have at their disposal personal space measuring between 3 and 4 sq. m the Court examined the (in)adequacy of other aspects of physical conditions of detention when making an assessment under Article 3. In such instances a violation of Article 3 was found only if the space factor was coupled with other aspects of inappropriate physical conditions of detention related to, in a particular context, access to outdoor exercise, natural light or air, availability of ventilation, adequacy of heating arrangements, the possibility of using the toilet in private, and compliance with basic sanitary and hygienic requirements (see* ***Orchowski****, cited above, § 122;* ***Ananyev and Others****, cited above, § 149;* ***Torreggiani and Others****, cited above, § 69;* ***Vasilescu****, cited above, § 88; and* ***Varga and Others****, cited above, § 78; see also, for example,* ***Jirsák v. the Czech Republic****, no. 8968/08, §§ 64-73, 5 April 2012;* ***Culev v. Moldova****, no. 60179/09, §§ 35-39, 17 April 2012;* ***Longin****, cited above, §§ 59-61; and* ***Barilo v. Ukraine****, no. 9607/06, §§ 80-83, 16 May 2013).*

*107. In the above-mentioned pilot and leading judgments the Court has fixed for its assessment the relevant minimum standard of personal space allocated to a detainee in multi-occupancy accommodation at 3 sq. m of floor surface (see* ***Orchowski****, cited above, § 123;* ***Ananyev and Others****, cited above, § 148;* ***Torreggiani and Others****, cited above, § 68;* ***Vasilescu,***

*cited above, § 88;* ***Neshkov and Others****, cited above, § 232;* ***Samaras and Others****, cited above, § 58;* ***Tzamalis and Others****, cited above, § 39;* ***Varga and Others****, cited above, § 74;* ***Iacov Stanciu****, cited above, § 168; and* ***Mandić and Jović****, cited above, § 75). Moreover, in the Grand Chamber* ***Idalov*** *case (cited above, § 101), when finding a violation of Article 3 on account of inadequate conditions of the applicant's detention, the Grand Chamber noted, among other things, that "the applicant's detention [had not met] the minimum requirement, as laid down in the Court's case-law, of 3 square metres per person".*

*108. However, in a minority of cases the Court has considered that personal space of less than 4 sq. m is already a factor sufficient to justify a finding of a violation of Article 3 (see, inter alia,* ***Cotleț v. Romania*** *(no. 2), no. 49549/11, §§ 34 and 36, 1 October 2013; and* ***Apostu v. Romania****, no. 22765/12, § 79, 3 February 2015). This standard corresponds to the minimum standard of living space per detainee in multi-occupancy accommodation as developed in the practice of the CPT and recently elaborated in its policy document (see paragraph 51 above).*

Il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawzi kongunti fl-ismijiet ***Aranyosi and Căldăraru***[11] ghamlet referenza ghall-Artikolu 1(3) tad-Decizjoni Qafas tal-Mandat t'Arrest Ewropew fis-sens li meta jkun hemm indikazzjonijiet qawwija li l-kundizzjonijiet ta'detenzjoni fl-Istat Membru imittenti jiksru l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja, l-Awtorita' gudizzjarja mitluba li tibghat l-akkuzat ghandha tirrifjuta li tibghat lura lill-

[11] [GC], C-404/15 and C-659/15 PPU, 5 t' April 2016.

akuzzat li fil-konfront tieghu jkun hareg mandat t'arrest Ewropew. L-Artikolu 4 sucitat jipprovdi li '*Hadd m'ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti.*' Mid-decizjoni ta' ***Aranyosi and Căldăraru*** hareg dak l-hekk imsejjah ***"Aranyosi-test"*** fejn awtoritajiet gudizzjarji ta' Stati Membri li jridu jezegwixxu Mandat t'Arrest Ewropew ghandhom:

1. **Jaraw jekk hemmx riskju reali ta' trattament inuman jew degredanti minhabba l-kundizzjonijiet generali ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti.** Dan jista' jsir billi jigu evalwati sentenzi domestici u Ewropew f'dan ir-rigward, kif ukoll jigu studjati rapporti u dokumenti ohra tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Gnus Maghquda;

2. **Fejn jigi identifikat riskju, issir valutazzjoni individwali sabiex tiddetermina l-probbabilta' tal-akkuzat li jkun espost ghal tali riskju.** L-Istati Membri li jkunu gew mitluba jezegwixxu Mandat t'Arrest Ewropew ghandhom jitolbu l-informazzjoni supplimentari mehtiega mill-Istat Membru emittenti dwar il-kundizzjonijiet fejn l-akkuzat ikun ser ikun detenut. Sussegwentament l-Istat emittenti jkun obbligat li jghaddi l-informazzjoni necessarja lil awtorita' gudizzjarja tal-Istat li jkun mistenni jezegwixxi l-mandat.

3. **Fl-ahhar net, skond x'jirrizulta, l-Istat Membru jiddeciedi ghandux jezegwixxi l-mandat *o meno*.**

Ir-riskju reali wahdu, minghajr riskju individwali li jirrelata direttament mal-akkuzat mhux sufficjenti sabiex l-Istat Membru ma jezegwix l-Mandat t-Arrest Ewropew. Dak kollu ritenut *supra* gie kkonfermat fid-decizjonijiet ***ML***[12] u

[12] C-220/18 PPU, 25 ta' Lulju 2018.

***Dorobantu***[13] tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea. Gie enfasizzat ukoll illi l-awtoritajiet gudizzjarji ta'ezekuzzjoni ma jistghux jeskludu riskju reali sempliciment ghaliex l-estradant ghandu rimedju legali fl-Istat emittenti li jippermettilu jikkontesta l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni. Biza reali w individwali ma tistax tigi mwarrba minhabba kunsiderazzjonijiet relatati mal-effikacja tal-kooperazzjoni gudizzjarja.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex ticcita l-appell ricenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Spiteri**[14] fejn anke isemmew il-kuncetti ta' *mutual* u *blind trust* li ssemmew diversi drabi waqt it-trattazjoni tad-difiza*:*

> *112. Huwa minnu li din is-sistema ġabet kritika minn diversi studjużi tad-Dritt fejn, kif qalet id-Difiża, il-kunċett ta' "mutual trust" ma għandux jiġi konfuż mal-kunċett ta' "blind trust" bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji Ewropej. Iżda għalkemm dan huwa argument validu, mill-banda l-oħra jista' jkun argument li jekk jiġi interpretat b'ċertu mod jista' jġib fix-xejn il-kunċett sħiħ wara l-mandat t'arrest Ewropew innifsu. Kif semmiet id-Difiża hemm diversi kummentaturi li jikkritikaw din is-sistema minħabba li toffri sfidi għas-sistema ta' proċedura kriminali u ħarsien tal-jeddijiet tal-bniedem. Koen Leanerts, ċitat mid-Difiża mhux l-uniku persuna li tikteb dwar dan issuġġett.*[15] *Hemm*

[13] [GC], C-128/18, 15 t' Ottubru 2019.

[14] Deciza nhar l-20 ta' Settembru, 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

[15] *In summary, the principle of mutual recognition is a constitutional principle that pervades the entire AFSJ. It is predicated on mutual trust between the Member States. It is only by sharing the same founding values of democracy, pluralism, respect for the rule of law and fundamental rights that EU citizens may move freely and securely in an area without internal frontiers. It is said that «[t]rust takes years to build, seconds to destroy and forever to repair». That is why I believe that both the EU and its Member States must be pro-active in strengthening mutual trust between national authorities, in particular, national judiciaries. This means that EU legislative measures that facilitate the application of the principle of mutual recognition must be accompanied by "trust-enhancing legislation". In the same way, the EU must prevent the emergence of "systemic deficiencies". To that effect, the new EU Framework to strengthen the Rule of Law put forward by the Commission appears to be an interesting initiative. Mutual trust must not be confused with "blind trust". The principle of mutual recognition must be applied in compliance with the*

*diversi kummentaturi oħra li jaqsmu dak il-ħsieb. Wara kollox anke s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea Aranyosi u Căldăraru imsemmija iżjed il-fuq titratta wkoll, sa' ċertu punt, dan is-suġġett u wriet li fil-fatt din is-sistema ta' mandat ta' arrest Ewropew mhix kwistjoni ta' "blind trust". Imma huwa fatt innegabbli l-kunċett ta' "mutual trust" bejn l-Awtoritajiet Ġudizzjarji huwa wieħed b'saħtu ħafna f'din il-Liġi.*

…

*127. Kif issemma qabel, il-Liġi Ewropea dwar l-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew hija strument ħaj li għadu jevolvi u jiżviluppa. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-każijiet konġunti* ***Aranyosi u Căldăraru,***[16] *fetħet il-bieb għal dik li kummentaturi u ġuristi Ewropej qegħdin jirreferu għaliha bħala l- "fundamental rights defence",* ***li għalkemm mhix raġuni msemmija espliċitament fid-Deċiżjoni Kwadru bħala raġuni li fuqha l-istat Rikjedent għandu s-setgħa li jiċħad talba għal eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, fil-prattika jekk ikunu jeżistu l-estremi msemmija f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Istat Rikjest ingħata s-setgħa li ma jeżegwix il-mandat ta' arrest Ewropew rispettiv.*** *Din is-sentenza naturalment qajmet polemiċi ġodda f'dan il-qasam in kwantu hemm min qiegħed jinterpretaha bħala bidla fid-direzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

---

*principle of proportionality, must respect the margin of discretion left by the EU legislator to national authorities, and must take into account national and European public policy considerations.- The Principle of Mutual Recognition in the Area of Freedom, Security and Justice; < http://www.dirittounioneeuropea.eu/principle-mutual-recognition-area-freedom-securityjustice> accessat 17/09/2022.*

[16] *Decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-5 t'April 2016, fejn gew maghqudin il-kazijiet C-404/15 Aranyosi u C-659/15 PPU, Căldăraru.*

*tal-Unjoni Ewropea minn sentenzi preċedenti bħal* ***Melloni*** *jew mhux ukoll* ***Radu****. Din is-sentenza ġiet ukoll kritikata minħabba li għalkemm tagħmel sens fuq livell normattiv, mill-banda l-oħra ma tagħtix daqshekk każ tal-fatt li d-Deċiżjoni Kwadru timponi termini ta' żmien qosra biex fihom il-proċedura tal-mandat ta' arrest Ewropew tiġi eżegwita. Huwa minnu li f'dik l-istess sentenza, bħal ma intwera wkoll f'****Lanigan****,* *<u>anke jekk dawn it-termini jkunu skadew, il-Qorti ta' eżekuzzjoni hija xorta waħda marbuta li tiddeċiedi l-każ</u>. Il-kwistjoni taż-żmien tibqa' rilevanti tant li fis-sentenza li ġiet wara Aranyosi stess u ċjoe C-128/18* ***<u>Dorobantu</u>*** *deċiża fil-15 t'Ottubru 2019 il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea saħqet ukoll li fit-tip ta' stħarriġ li l-Qorti ta' eżekuzzjoni tkun trid tagħmel trid tieħu kont taż-żmien limitat li hemm provdut fl-artikolu 17 tad-Deċiżjoni Kwadru. Dan evidentement ma jippermettix stħarriġ tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni kollha b'mod ġenerali iżda jeħtieġ stħarriġ tal-post tad-detenzjoni fil-każ partikolari*

…

*133. F'sentenza oħra, l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-ismijiet* ***<u>Generalstaatsanwaltschaft</u>****, tiċċara li din il-preżunzjoni qawwija ta' ksur tal-Artikolu 3 Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tista' tiġi annullata biss jekk (a) iż-żmien tat-tnaqqis fl-ispazju personali minimu meħtieġ ta' 3 $m^2$ ikun qasir, okkażjonali u minuri, (b) tali tnaqqis ikun akkumpanjat minn biżżejjed libertà ta' moviment u attivitajiet adegwati barra ċ-ċella, (c) il-kundizzjonijiet ġenerali ta' detenzjoni fil-faċilità jkunu xierqa u ma jkunx hemm aspetti aggravanti tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni.*

> *134. Il-Qorti tiċċita l-każ* ***Melloni****, fis-sens li l-persuna detenuta bis-saħħa ta' mandat ta' arrest Ewropew hija suġġetta biss għall-konformità mal-istandards minimi ta' kundizzjonijiet ta' detenzjoni li jirriżultaw mill-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u mhux ma' dawk li jirriżultaw mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għaliex altrimenti l-prinċipji ta' fiduċja u rikonoxximent reċiproċi jiddgħajfu.*

**Din il-Qorti taghmilha cara illi hija qorti ta'gurisdizzjoni kriminali u ghaldaqstant m'ghandiex seta' tiddeciedi dwar vertenzi ta' drittijiet tal-bniedem**. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra terga' taghmel referenza ghas-sentenza ta' Spiteri hekk kif indikata *supra*, fejn gie ritenut is-segwenti:

> *140. Talba għal stħarriġ tal-kundizzjonijiet tad-detenzjoni f'ħabs barrani minħabba biża ta' trattament jew pieni inumani jew degradanti tinvolvi stħarriġ speċjalistiku dwar allegat u potenzjali ksur tal-jeddijiet tal-bniedem. Fis-sistema legali Malti, l-Avukat Ġenerali għandha raġun targumenta li anke jekk ikunu marbuta mal-proċeduri tal-eżekuzzjoni tal-mandat t'arrest Ewropew,* ***la dik il-Qorti u l-anqas din ma jistgħu jistħarġu kwistjonijiet jew allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem li jitnisslu minn dawk il-proċeduri jew mill-effetti jew il-konsegwenzi tagħhom; u dan mhux b'kapriċċ jew għax iridu jaħslu jdejhom, jew għax ma jagħtux każ il-jeddijiet tal-bniedem, iżda għax fis-sistema Malti l-kwistjonijiet li jolqtu allegazzjonijiet ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali huma deċiżi minn Qrati speċjali. Din il-***

***konklużjoni mhix bażata biss fuq l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni Maltija, iżda wkoll fuq l-artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (reż applikabbli għall-dawn il-proċeduri bis-saħħa tar-regolament 25 tal-Ordni). Dan l-artikolu jgħid li meta tieħu deċiżjoni favur it-treġġiegħ lura ta' persuna rikjesta fuq mandat t'arrest Ewropew il-Qorti Rimandanti hija obbligata li tinfurma lill-persuna rikjesta bid-dritt li hija għandha li, jekk ikun jidhrilha li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1)(2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni ġie miksur jew jekk xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet, jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata rrevoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija għandha jedd titlob rimedju skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew skont l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ. L-irwol ta' din il-Qorti imbagħad hija li tirrevedi dik id-deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Qorti tal-Maġistrati kif spjegat iżjed il-fuq.*** (enfasi ta' din il-Qorti)

L-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jistipula s-segwenti:

*46.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6) u(7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġimiksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega,tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa*

*li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.*

*(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.*

*(3)* ***Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-***

***kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni.***

*(4) Kull parti fi proċeduri miġjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dan l-artikolu jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.*

*(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja.*

*(6) Jista' jsir provvediment bi jew skont Att tal-Parlament biex jiġu mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dawk is-setgħat b'żieda għal dawk mogħtija b'dan l-artikolu li jkunu meħtieġa jew mixtieqa sabiex il-Qorti tkun tista' aktar effettivament teżerċita l-ġurisdizzjoni mogħtija lilha b'dan l-artikolu.*

*(7) Regolamenti tal-qorti li jipprovdu dwar il-prattika u proċedura tal-Qrati ta' Malta għall-finijiet ta' dan l-artikolu jistgħujiġu magħmula mill-persuna jew awtorità li għal dak iż-żmieni kollha setgħa li tagħmel regolamenti tal-qorti dwar il-prattika u proċedura ta' dawk il-Qrati, u għandhom ikunu maħsuba biex jiġiżgurat li l-proċedura għandha tkun b'rikors u illi s-smigħ għandujkun b'kull ħeffa possibbli*

L-appellant estradant setgha jitlob lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni u l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni sabiex issir referenza kostituzzjonali izda dan ma sarx. Din il-Qorti tiehu b'serjeta' kbira dawn it-tip ta' vertenzi li jikkoncernaw allegatament ksur tad-drittijiet tal-bniedem izda idejha jinsabu marbuta *stante* li kif diga' gie ritenut din il-Qorti m'ghandiex kompitu li

tiddeciedi f'dan ir-rigward. L-obbligu impost fuq il-Qrati Kriminali bl-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, rez applikabbli ghall-dawn il-proceduri bis-sahha tar-regolament 25 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, kien ikun inutli, peress li **kieku kellhom dik is-setgha dak l-iskrutinju kienu jaghmluh huma stess u ma kienx ikun hemm il-htiega li jinfurmaw lill-persuna rikjesta bid-dritt taghha li tottjeni rimedji ulterjuri quddiem qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali.**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet sucitati, din il-Qorti qeghda tichad dan l-aggravju, madankollu l-appellant estradant dejjem jista' jaghmel proceduri ohrajn fil-forum adegwat u cioe' quddiem il-Qrati Kostituzzjonali dwar dawn il-vertenzi.

**It-tieni aggravju tal-appellant estradant jirrigwardja l-identita'**. L-appellant estradant isostni illi l-Qorti Rimandanti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi procedurali fejn jidhlu t-tehid u l-komparazzjoni tal-impronti digitali tieghu u ghalhekk talbet l-isfilz tad-dokumenti kollha marbuta mal-impronti, kif ukoll ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-Ligi u cioe' tal-Artikolu 10 tal-L.S. 257.05.

L-Artikolu 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276. 05 jghid hekk:

> *10. (1) Dan l-artikolu japplika jekk –*
>
> *(a) persuna arrestata bis-saħħa ta' mandat imsemmi fl-artikolu 5, tinġieb quddiem il-qorti taħt l-artikolu 8(4), jew*
> *(b) persuna tiġi arrestata taħt l-artikolu 9 u dan isir konformement mal-artikolu 9(3).*
>
> *(2) Il-qorti għandha tiddeċiedi jekk il-persuna li tinġieb quddiemha tkunx il-persuna li dwarha –*
> *(a) ikun inħareġ il-mandat imsemmi fis-subartikolu (1)(a), jew*
> *(b) ikun inħareġ il-mandat imsemmi fl-artikolu 9(3).*

*(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi l-kwistjoni fis-subartikolu (2) skond bilanċ tal-probabbiltajiet.*

*(4) Jekk il-qorti tiddeċiedi billi tiċħad il-kwistjoni fis-subartikolu (2), il-qorti għandha tordna l-ħelsien ta' dik il-persuna.*

*(5) Jekk il-qorti tiddeċiedi billi tilqa' dik il-kwistjoni, hija għandha tmexxi taħt l-artikolu 11.*

Mill-atti jirrizulta li dan mhux mandat t'arrest provvizorju li jaqa' taht l-Artikolu 9 tal-Ordni u ghalhekk japplika l-Artikolu 10(1)(a). F'Dan l-ahhar Artikolu ssir referenza ghall-Artikolu 8(4) li jaghmel referenza ghall-Artikolu 15(1) tal-Att dwar l-Estradizzjoni. Artikolu 15(1) jipprovdi li persuna arrestata bis-sahha ta' mandat t'arrest ghadha titressaq quddiem il-Qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbghin (48) siegha minn meta tigi arrestata. Sussegwentament li din il-persuna tigi mressqa quddiem il-Qorti, l-Artikolu 10(2) tal-Ordni jipprovdi illi l-Ewwel Qorti trid tiddeciedi jekk il-persuna migjuba quddiema hux fil-fatt l-istess persuna li d-dettalji taghha jkunu jirrizultaw miktuba fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew. Kif indikat fl-Artikolu 10(3) sucitat, il-Qorti tal-Magistrati trid tiddeciedi dan fuq bilanc tal-probabiltajiet.

Bis-sahha tal-Mandat Ewropew, il-pulizija Maltija ressqet lill-appellant nhar l-20 t' Awwissu, 2022 quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Dik il-Qorti kellha qabel xejn tiddeċiedi jekk, izjed iva milli le, dik il-persuna li ingiebet quddiemha kienetx l-istess persuna li isimha kien gie mnizzel fil-Mandat t'Arrest Ewropew li bis-sahha tieghu dik il-persuna giet arrestata u migjuba quddiemha. Jekk id-dettalji tal-identita' tal-persuna imnizzla fuq il-Mandat t'Arrest Ewropew kienu, **izjed iva milli le**, jirrizultaw jaqblu ma dawk tal-persuna li ngiebet quddiemha bl-arrest, allura f'dak il-kaz, it-test rikjest mir-regolament 10 tal-Ordni jkun gie

sodisfatt.[17] Kieku l-Qorti kellha dubbju, fuq bilanc tal-probabiltajiet, li l-akkuzat mressaq quddiemha ma kienx l-istess persuna indikata fuq il-mandat, allura kellha tilliberah. F'dan il-kaz il-Qorti Rimandanti ma kelliex dak id-dubbju w ghalhekk ipprocediet ghas-smiegh tal-estradizzjoni. Infatti l-Qorti Rimandanti qalet dawn l-ezatti kliem fis-seduta tal-20 t' Awwissu, 2022:

> ***'Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 10(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 hija sodisfatta mid-dokumenti pprezentati illi l-persuna migjub quddiemha huwa l-persuna fil-konfront ta' min inhareg il-Mandat t'Arrest Ewropew mertu ta' dawn il-proceduri.'***[18]

Sussegwentament, fis-seduta tat-23 t' Awwissu, 2022, il-Qorti Rimandanti tenniet hekk:

> *'Il-Qorti ikkunsidrat li fil-bidu tas-seduta tal-lum diga ordnat li dawn l-impronti ghandhom jittiehdu w jigu komparati ma dak mibghuta mill-awtoritajiet barranin. Iktar minn hekk din l-ordni saret wara li l-Qorti ikkunsidrat li kienet id-difiza stress li fis-seduta tal-20 t' Awwissu, 2022 quddiem din il-Qorti diversament preseduta, qajmet il-kwistjoni li finger prints ma kienux esbiti w iddikjarat li ' fil-Form A hemm multiplicita' ta' ismijiet li jnisslu dubju serju dwar l-identita' tal-persuna li taghha qed jintalab it-treggih lura' (fol. 41)*
>
> *Ghalhekk sabiex din il-Qorti jkollha s-serhan il-mohh **<u>minkejja li l-kwistjoni tal-identita' tal-estradant giet sorvolata fis-seduta precedent</u>**i, ma tarax li ghandha tisma xi*

---

[17] Ara wkoll **<u>Il-Pulizija vs John Spiteri</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-20 ta' Settembru, 2022.
[18] Fol. 41 tal-atti processwali.

> *sottomissjonijiet ulterjuri fuq poter esplicitu moghti lill-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali kif kontemplati bl-artikolu Artiklu 544(2) tal-Kodici Kriminali.'*

L-identita' ta' persuna tista' tigi stabbilita b'diversi modi fosthom bl-isem u l-kunjom tal-persuna, il-post u d-data tat-twelid taghha, in-nazzjonalita taghha, kif ukoll minn dokumenti uffiċjali bhal karta tal-identita' taghha jew passaport taghha. Jistghu wkoll jingiebu provi ohra dwar l-identita' ta' persuna bhal per ezempju impronti digitali jew palmari taghha jekk mhux ukoll ritratti taghha. **Izda, mhux dawn il-fatturi kollha huma mehtiega biex tiġi stabbilita l-identita'.**

Permezz ta' Digriet taghha tas-6 ta' Settembru, 2022 il-Qorti Rimandanti qalet hekk:

> *'Tenut kont li (i) d-decizjoni li tispetta din il-Qorti, hi wahda ntiza esklussivament biex tiddetermina jezistux il-presupposti fattwali li jimmiltaw favur jew kontra talba ghall-estradizzjoni, (ii) mhux mehtieg li ma kull MAE jintbaghtu l-impronti digitali tal-estradant sabiex Qorti Rimandanti tasal gahd-decizjoni taghha kif kontemplat bir-regolament 10 tal-Ordni, (iii) f'dan il-kaz mal-MAE u Form A hemm annessritratt tal-estradant , li ghalkemm mehud snin qabel, hu indubbjament tieghu, u (iv) passaport li jindikah bl-isem li jinsab fil-mandat u alert, il-Qorti ma tqisx li r-rikors tal-estradant, meritevoli kif tassew inhu, jista b'xi mod jimpingi fuq id-decizjoni/jiet mistennija minn Qorti Rimandanti ai termini tal-Ordni.'*

In vista tas-suespost, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti setghet legalment u ragonevolment tikkonkludi li fuq bazi ta' probabilita' dik il-persuna

li kienet arrestata quddiemha kienet l-istess persuna li d-dettalji taghha kienu jidhru miktuba fuq il-Mandat t'Arrest Ewropew.

Importanti li jigi enfasizzat illi l-kwistjoni dwar jekk fil-fatt l-akkuzat ikunx verament wettaq id-delitt *o meno*, hija kwistjoni li tkun trid tigi deciza mill-Qorti Barranija li quddiemha jkun irid jinstema' l-kaz. F'dan il-punt issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis**[19] li ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Agius**[20] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet hekk:

> *'Ikun opportun qabel xejn li jigu precizati certi punti. Il-proceduri ta' estradizzjoni fil-ligi taghna, cioe` dawk il-proceduri li jibdew quddiem il-qorti rimandanti u li jistghu jitkomplew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (bhalma qed jigri f'dan il-kaz)* ***ma humiex proceduri li fihom persuna tigi imputata jew akkuzata b'reat. Persuna ma tingiebx quddiem il-qorti rimandanti u, jekk ikun il-kaz, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, sabiex tigi "ggudikata" dwar xi reat; fi proceduri ta' estradizzjoni ma hemm ebda "criminal charge" x'tigi "determined"; il-proceduri ta' estradizzjoni huma intizi biss sabiex jigi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali u formali skond il-ligi (inkluza lKostituzzjoni – Art. 43) sabiex it-talba ta' pajjiz barrani ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta' persuna partikolari tintlaqa****'*

Din il-Qorti tixtieq tenfasizza wkoll illi l-argumenti migjuba mid-difiza, kemm fir-rikors t'appell, kif ukoll fit-trattazzjoni huma validi u jisthoqqilhom

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 t' Ottubru, 2021.
[20] Deciza nhar it-23 ta' Lulju, 2001.

approfindiment. Madankollu, dawn ghandhom isiru fil-forum adegwat u cioe' quddiem il-Qrati Kostituzzjonali. Ghaldaqstant, ghal dak kollu ritenut *supra*, din il-Qorti qeghda wkoll tichad dan l-aggravju.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk, din il-Qorti qeghda:

a) tichad l-aggravji mressqa mill-appellant estradant;
b) tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti tad-9 ta' Settembru, 2022 li ordnat il-konsenja ta' Ledjon Brakaj lill-Awtoritajiet Gudizzjarji tal-Grecja;
c) tordna li l-appellant Ledjon Brakaj jinzamm taht arrest biex jistenna r-ritorn tieghu lejn il-Grecja;
d) tordna li din id-decizjoni hija soggetta ghar-regola tal-ispecjalita';
e) tordna li Ledjon Brakaj ma jigix cedut qabel ma jiskadi l-perjodu mehtieg;
f) tinforma lil Ledjon Brakaj li jekk huwa tal-fehma li xi dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, hija, kienet jew x'aktarx li tigi miksura fir-rigward tal-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, huwa ghandu jedd jitlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur